MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2013

Numru. 346/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Said Sarreo)**
**(Spettur Carol Fabri)**

**vs.**

**Anthony Seisun**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Anthony Seisun**, ta' tnejn u erbghin (42) sena, iben Carmel u Carmen neé Bugeja imwieled Pieta', nhar il-25 ta' Awwissu 1970, residenti gewwa 61, Right Spot, Triq is-Sorijiet, Paola u detentur tal-Karta tal-Identita bin-Numru 412870M, akkuzat talli f'diversi hinijiet, f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. talli nhar is-6 ta' Frar 2013, minn gewwa ic-Chef Choice, li jinsab gewwa Triq il-Latmija, Zabbar ikkommetta serq ta' zewg flixken tal-vodka tad-ditta Smirnoff li l-valur taghhom huwa ta' 15.80 Euro ghad-dannu ta' Aldo Spiteri u/jew persuni ohra;
2. talli nhar il-5 ta' Frar 2013, minn gewwa ic-Chef Choice, li jinsab gewwa Triq il-Latmija, Zabbar, ikkommetta serq ta' diversi flixken tax-xorb alkoholiku, li l-valur taghhom huwa ta' 31.30 Euro ghad-dannu ta' Aldo Spiteri u/jew persuni ohra;

3. talli matul ix-xahar ta' Dicembru 2012 u matul ix-xhur ta' qabel, minn gewwa ic-Chef Choice, li jinsab gewwa Triq il-Latmija, Zabbar, ikkommetta serq ta' diversi flixken tax-xorb alkoholiku, li l-valur taghhom jeccedi il-232.94 Euro, ghad-dannu ta' Aldo Spiteri u/jew persuni ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur;

4. talli nhar is-26 ta' Dicembru 2012, minn gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' J&M Discount Store, li jinsab gewwa Triq Tal-Barrani, Zejtun, ikkommetta serq ta' diversi flixken tax-xorb alkoholiku li l-valur taghhom ma jeccedix il-232.94 Euro ghad-dannu ta' Joseph Micallef u/jew persuni ohra;

5. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provvedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. J. Padovani LL.D., datata 21 ta' Marzu 2011, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

6. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi irrenda ruhu recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tohrog ordni ta' protezzjoni *ai termini* tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ din il-persuna hawn fuq indikata.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mall-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. “CF 1” – *a fol.* 9).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-Prosekuzzjoni tirtira: (a) il-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, u (b) l-addebitu tar-recidiva taht l-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif indikat fis-sitt (6) imputazzjoni.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha li tigi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, jirrizulta li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat (ghajr ghall-hames (5) imputazzjoni u ghall-addebitu tar-recidiva taht l-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’

Malta, *stante* li gew irtirati mill-Prosekuzzjoni) gew sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat u li gew pruvati, il-fedina penali tal-imputat (Dok. “CF 3” – *a fol.* 11 *et seq.*) u l-ammissjoni bikrija tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames (5) imputazzjoni u ta’ l-addebitu tar-recidiva taht l-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif indikat fis-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, wara li rat Artikoli 18, 49, 261(c), 267, u 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Anthony Seisun hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija li b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal tlitt (3) snin.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti m’hijiex tal-fehma li dawn l-artikoli ghandhom jigu applikati, u dana *stante* li l-Qorti ser tilqa’ t-talba l-ohra tal-Prosekuzzjoni sabiex jigi applikat l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u b’hekk il-Qorti tqieghed lill-hati taht Ordni ta’ Protezzjoni fil-konfront ta’ Aldo Spiteri u Joseph Micallef ghall-perijodu ta’ tlett (3) snin millum skond id-Digriet anness ma’ din is-sentenza.

Finalment, rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi kkundannat ihallas l-ispejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti f’dawn il-proceduri hekk kif kkontemplat taht Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tichad tali talba *stante* li jirrizulta li ma gewx imqabbda l-ebda esperti jew periti f’dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------